# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Mejju 2024**

**Fl-atti rikors numru 1027/2023AB għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru numru 1670/2023 fl-ismijiet:**

**Martin Agius KI 745362M u Irene Agius KI 115464M**
**vs.**
**Michael Cini KI 371664M**
**Carmen Cini KI 315665M**
**Prof. Michael Borg KI 292163M**
**Rita Borg KI 676686M**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Michael Cini et fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt ai termini tal-artikolu 836(1)(d)(f) tal-Kap 12 kif ukoll biex din il-Qorti timponi penali fuq Martin Agius et fis-sensi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament li tordna lis-sekwestranti jipprovdu garanzija xierqa għall-ħlas tal-ispejjeż, danni u imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li, in suċċint, ippremettew illi:

(a) Il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kien wieħed minn tlieta maħruġa mis-sekwestranti b'mod mhux raġonevoli u b'ritorsjoni għall-fatt li r-rikorrenti kienu qegħdin jiddefendu l-interessi u l-jeddijiet tagħhom; dan huwa muri wkoll bil-fatt li dan il-mandat inħareġ b'mod kalkulat ġurnata wara li ġie mismugħ mandat t'inibizzjoni li r-rikorrenti kienu intavolaw kontra s-sekwestranti;
(b) Dan il-mandat ma kienx prima faciae ġustifikat minħabba li l-bażi dedotta fil-mandat ma għandhiex mis-sewwa, ma kienetx tagħmel

sens loġiku u kienet mingħajr bażi. Il-pretensjoni prinċipali ta' €22,400 li fuqha huwa msejjes il-mandat kienet waħda ipotetika u mhux attwali, nieqsa minn fatti u dokumenti u bażati fuq żieda fi prezzijiet u materjal ta' xogħol li l-anqas biss għadu beda;

(c) Għalkemm il-ħruġ tas-sekwestru kien magħmul mal-preżentata ta' ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bażi ta' din l-ittra kienet qarrieqa in kwantu l-ammont reklamat ma kienx għadu dejn ċert, likwidu u dovut; fi kwalunkwe każ din l-ittra ma setgħetx isservi bħala l-bażi ta' prova prima faciae tad-dritt reklamat mis-sekwestranti;

(d) Il-ħruġ tal-mandat ma kienx preċedut b'xi interpellazzjoni mis-sekwestranti. Dan inħareġ bħala mod ta' "arms twisting" kontra r-rikorrenti;

(e) Mhux raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ, u la huwa meħtieġ u l-anqas ġustifikabbli. Dan ingħad ukoll għaliex partijiet mill-pretensjonijiet f'dan il-mandat kienu diġa ġew reklamati permezz ta' mandati kawtelatorji oħra maħruġa mis-sekwestranti numri 1669/2023 u 2054/2023. Dan allura juri li l-intenzjoni tas-sekwestranti kienet dik li jissikkaw indebitament lir-rikorrenti u mhux biex jassiguraw dritt li jippretendu li jgawdu; ġew depożitati biżżejjed flejjes b'mod li ma għadx hemm raġuni għaliex kellu jibqa' fis-seħħ b'mod sħiħ;

(f) F'dan is-sens allura hemm lok li s-sekwestranti jiġu kundannati li jħalsu danni u penali għall-intavolar vessatorju ta' dan il-mandat ta' sekwestru;

(g) Apparti minn hekk talbu wkoll li in bażi għall-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex is-sekwestranti jiġu kundannti jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali li tista tiġi imposta u għal danni u imgħax u fin nuqqas tneħħi l-att kawtelatorju. Dan peress li dan il-mandat inħareġ b'mod abbużiv u irraġonevoli fuq talbiet li kienu vessatorji.

Rat ir-risposta ta' Martin Agius et li permezz tagħha huma sostnew illi

(a) t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jiġu miċħuda peress li l-mandat ta' sekwestru de quo ġie maħruġ in bażi għal pretensjonijiet li kienu reali u prima facie ġustifikati;

(b) B'hekk mhux talli kellu jiġi miżmum fis-seħħ kollu kemm hu talli ma kienx hemm lok u bażi għaliex din il-Qorti setgħet timponi danni kontra tagħhom jew li tordnalhom jipprovdu garanzija fis-sensi tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Igħidu li l-ammont ta' €22,400 huwa dovut lilhom bħala riżultat ta' żieda fil-materjal u salarju relatati mal-kostruzzjoni u spejjeż relattivi. €20,000 minnhom kienu żieda fl-ispejjeż ta' materjal u salarji fir-

rigward tal-kostruzzjoni taħt il-permess PA/00430/22 kif muri minn dokument li ġie mehmuż.

(d) Imbagħad l-ammont ta' €2400 kienu jirrapreżentaw kirjiet li kellhom ibgħatu konsegwenza tal-oġġezzjonijiet li għamlu r-rikorrenti għall-ħruġ tal-permessi tal-bini relattivi kif muri minn dokument ieħor anness.

(e) Igħidu li r-rikorrenti ma preżentaw ebda prova li turi li dawn ma kienux dovuti. Dawn kienu spejjeż li s-sekwestranti kienu kostretti jinkorru minħabba l-proċeduri "ostakolattivi" tar-rikorrenti. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien għadu ma bediex minħabba l-proċeduri ostakolattivi u "vessatorji" tar-rikorrenti.

(f) Għalkemm ir-rikorrenti kellhom il-jedd li jintavolaw mandat t'inibizzjoni huma xorta waħda kellhom jinżammu responsabbli għaż-żieda fl-ispejjeż li ser jinkorru s-sekwestranti peress li l-azzjoni li ħadu r-rikorrenti kienet waħda li tivvessa u tostakolahom inutilment.

Inoltre, in segwitu għall-verbal fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024 fuq kweżiti tal-Qorti b'nota datata 26 ta' Marzu 2024 is-sekwstranti żiedu jgħidu li:

(g) l-ammonti reklamati fuq il-mandat ta' sekwestru kienu tal-istess valur skont kif indikati fl-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif dawn ġew preżentati flimkien skont kif rekjest mill-artikolu 833A tal-Kap 12;

(h) Inoltre, l-mandat ta' sekwestru kien ġie intavolat fit-30 t'Awissu 2023 meta f'dik id-data r-rikorrenti kienu diġa intavolaw mandat t'inibizzjoni, appell quddiem l-EPRT u appell ieħor quddiem il-BCT biex b'hekk kien hemm impossibilita ċirkostanzjali għas-sekwestranti biex jinterpellaw lir-rikorrenti biex jersqu għall-ħlas tad-danni "meta l-istess kienu eżawstivi fil-proċeduri tagħhom";

(i) Finalment qalu wkoll li skont il-proviso tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 id-disposizzjonijiet ta' dak il-paragrafu ma kellhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat.

In segwitu għal din in-nota spejgattiva tas-sekwestranti, ir-rikorrenti irribadew li :

(a) L-ispejjeż reklamati f'dan il-mandat ta' sekwestru l-ammont ta' €20,000 kienu għadhom ma ġewx inkorsi mis-sekwestranti u ma kienu jirriżultaw minn imkien filwaqt li l-€2,400 rappreżentanti spejjeż għal skopijiet residenzjali ġaladarba l-fond tas-sekwestranti kienu għadu abitabbili ma kienx hemm raġuni għaliex ir-rikorrenti kellhom

jiġu wkoll akkollati bi spejjeż ta’ din ix-xorta meta kienet responsabilita tas-sekwestranti li jaraw li jissalvagwardjaw l-interessi u s-sigurta tal-proprjeta tagħhom;

(b) Apparti minn hekk wara li kien sar ir-rikors revoka ftit jiem wara l-ħruġ tal-mandat tas-sekwestru fit-30 t’Awissu 2024, ir-rikorrenti saru jafu li s-sekwestranti kienu intavolaw il-kawża tagħhom fil-meritu fid-19 ta’ Diċembru 2023. Minħabba f’hekk fir-rikors revoka huma ma setgħux jeċċepixxu wkoll il-fatt li l-mandat ta’ sekwestru waqa’ minħabba li ma ġiex segwit b’kawża fit-termini statutorji.

(c) Ma kienx minnu li s-sekwestranti kellhom impossibilita ċirkostanzjali milli jinterpellaw lir-rikorrenti qabel il-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru. F’dawk iż-żminijiet ħadd ma kien tkellem fuq danni iżda l-azzjoni li semmai kienet bdiet tittieħed mir-rikorrenti kienet waħda ffukata fuq l-iżvilupp edilizju li s-sekwestranti kienu qegħdin jittentaw jintraprendu. Dan kien ikompli juri kemm dan il-mandat ta’ sekwestru kien eżerċizzju ta’ arms twisting da parti tas-sekwestranti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet li ġiet debitament reġistrata;

**Ikkunsidrat**

**It-talba għat-tħassir tal-mandat minħabba li ma ġiex preżentata l-kawża fiż-żmien statutorju**

1. Illi qabel xejn, din il-Qorti rat li l-ilment imressaq mir-rikorrenti dwar il-fatt li l-mandat ta’ sekwestru de quo ma ġiex segwit bir-rikors ġuramentat fiż-żmien regolamentari huwa minnu. Din il-Qorti tifhem li dan ma setgħax ikun previst mir-rikorrenti fiż-żmien meta huma intavolaw ir-rikors revoka tagħhom in kwantu dan kien sar fis-7 ta’ Settembru 2023 ċjoe fl-istess jum li fih huma kienu wkoll ikkontestaw l-ittra maħruġa mis-sekwestranti in bażi għall-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalhekk fi żmien fejn allura t-termini statutorji għall-preżentata tal-kawża ma kienux għadhom għaddew.

2. Iżda l-Qorti rat ukoll li matul it-trattazzjoni tar-rikors dan il-punt kien ġie msemmi mir-rikorrenti u sottomess għall-ġudizzju ta’ din il-Qorti u dan wara li s-sekwestranti kienu wkoll ġew mogħtija l-opportunita li jwieġbu għaliha wkoll wara li fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2024 meta r-rikorrenti qajmu dan il-punt, il-Qorti akkordat il-fakulta lil partijiet li jippreżentaw noti, inkluż fuq il-kweżiti li l-Qorti qajmet ex officio.

3. Issa kwantu għall-mandat ta’ sekwestru de quo jirriżulta li ġie maħruġ fit-30 t’Awissu 2023. Il-kawża numru 1436/2023 li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti, ġiet intavolata fid-19 ta’ Diċembru 2023. Issa flimkien mal-mandat ta’ sekwestru jirriżulta wkoll li r-rikorrenti kienu intavolaw ukoll ittra ġudizzjarja fis-sensi tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta kontra r-rikorrenti. Din l-ittra kienet ġiet kontestata mir-rikorrenti fis-7 ta’ Settembru 2024. B’hekk fit-termini tal-artikolu 833A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ir-rikors ġuramentat mis-sekwestranti kellu jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mid-data tal-preżentata tan-nota ta’ kontestazzjoni. Dan ma sarx. Iżda anke jekk, gratia argomenti, s-sekwestranti għal xi raġuni ma kienux konxji tal-kontestazzjoni, huma l-anqas preżentaw ir-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sittin jum mid-data tal-ħruġ tal-mandat. Naturalment wisq anqas ġie rispettat l-artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li pero jipprovdi wkoll illi:

> (2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.

4. Is-sekwestranti spiċċaw li għamlu l-kawża iżda bdewha fid-19 ta’ Diċembru 2023 kif jirriżulta li r-rikors ġuramentat ġie ippreżentat dakinhar.

**It-talba għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru in bażi għall-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**

5. It-talba prinċipali tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. F’dan il-każ allura jrid jiġi mistħarreġ jekk is-sekwestrant ikollux, mal-ewwel daqqa t’għajn (prima faciae), bażi għall-pretensjoni tiegħu (fumus iuris) biex ikun jista’ jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.[1]

6. Biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha allura jekk mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt dan l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta hija trid tistħarreġ jekk u safejn il-kawżali tal-mandat kawtelatorju tkun tista’ tintrabat mal-kreditu li jkun qiegħed jiġi pretiż u msemmi fl-istess mandat. Huwa għalhekk li l-Qorti trid tistħarreġ jekk mal-ewwel daqqa t’għajn ikunx jirriżulta li r-rikorrent ikollu bażi għall-pretensjoni tiegħu u f’każ li l-Qorti ssib li

[1] Ara **Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il- 5 ta’ Settembru 2008.

hemm din il-bażi imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ jekk ir-rikorrent eżekutant ikunx wasal li juri, dejjem mal-ewwel daqqa t'għajn, li l-pretensjoni pekunjarja msemmija minnu tkun taqbel mal-ammont maħluf fuq il-mandat.[2]

7. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f'dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leggerezza, b'non kuranza jew bi traskuragni. Wisq anqas għandhom isiru b'abbuż, b'mod frivolu jew vessatorju, b'intenzjoni qarrieqa, jew b'finalita' ta' "arms twisting" kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

8. F'dan il-każ din il-Qorti qieset li t-talbiet tas-sekwestranti f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistgħux jiġu skartati a priori; iżda saru żmien qabel il-waqt. Ma ġiex kontestat li l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kien wieħed minn tliet atti kawtelatorju maħruġa mis-sekwestranti u l-anqas ma ġie kontestat li kien hemm pretensjonijiet li kienu komuni għalihom. Huwa ċar li r-rikorrenti kienu qegħdin jiddefendu l-interessi tagħhom b'eżerċizzju ta' azzjonijiet legali u amministrattivi. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li awtomatikament huma passibbli għad-danni. Il-pretensjonijiet tas-sekwestranti jista' jkun, għada pitgħada jkollhom mis-sewwa; iżda f'dan l-istadju għadu kmieni wisq biex jingħad li hemm lok għalihom. F'dan l-isfond allura dawn il-pretensjonijiet u ż-żmien meta bdew jiġu eżerċitati jassumu d-dehra ta' azzjoni ta' b'ritorsjoni kontra r-rikorrenti għall-fatt li r-rikorrenti kienu qegħdin jiddefendu l-interessi u l-jeddijiet tagħhom.

9. Il-fatt li s-sekwestranti jgħidu li sofrew danni jista' jkun li jirriżulta minnu; iżda f'dan l-istadju tal-proċeduri bejn il-partijiet ma jistax jitqies li kien prima faciae ġustifikat. Apparti l-fatt li jekk jirriżulta li kellhom raġun, il-pretensjoni tagħhom ta' żieda fl-ispejjeż tista' biss tikber u mhux tonqos, din it-talba tkun tiddependi wkoll fuq jekk ir-rikorrenti jkunux aġixxew skont il-Liġi jew le. Dan għadu ma ġiex ġudizjalment mistħarreġ u allura għadu bil-wisq kmieni biex jingħad jekk għandux attwalment mis-sewwa jew le.

10. In definittiva din il-Qorti taqbel li, f'dan l-istadju, ma tistax tqis li l-ammont mitlub fil-mandat jista' jitqies prima faciae ġustifikat. B'hekk, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti ser tilqa' t-talba u fis-sensi

[2] Ara **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Diċembru 2012.

tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 u sejra tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1670 tal-2023.

**Talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru in bażi għall-artikolu 836(1)(f) ta-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. Huwa wkoll fatt li l-pretensjoni tas-sekwestanti fil-mandat ta' sekwestru ġiet magħquda flimkien ma ittra ġudizzjarja maħruġa taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li teħtieġ li din l-ittra tkun tista' tiġi intavolata f'każ t'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt. Issa f'dan il-każ huwa wisq diffiċli li wieħed igħid li l-pretensjonijiet tas-sekwestranti jirriflettu, fl-istadju attwali tal-każ, dejn li huwa ċert, likwidu u wkoll dovut. Jekk xejn għadu l-anqas ġie ġudizjalment aċċertat aħseb u ara kemm huwa ċert, likwidu u allura dovut lilhom.

12. Biss anke jekk, għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jgħidli l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal sitwazzjonijiet fejn id-dejn ma jkunx għadu ċert, likwidu u dovut, il-Liġi xorta waħda teħtieġ lill-mittent li:

> Iżda meta d-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jimxi skont dan l-artikolu jekk huwa jillimita d-dejn tiegħu għal ammont li ma jeċċedix ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u jirrinunzja espressament għal kull parti mit-talba tiegħu li tista' meta tiġi likwidata teċċedi dik is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru

13. Issa f'dan il-każ ma jirriżultax li s-sekwestanti kienu irrinunzjaw espressament għal kull parti mit-talba li tista' tiġi likwidata u li teċċedi l-€25,000. Fil-verita l-anqas ma setgħu jagħmlu dan f'dak l-istadju in kwantu t-talba tagħhom jekk jirriżulta li jkollha mill-vera, għada pitgħada faċilment tkun tista' tiżboq dik iċ-ċifra. Allura l-anqas hemm ma jista' jingħad li s-sekwestranti ħarsu dak rikjest mill-Artikolu 166A tal-Kap 12 meta ħarġu dik l-ittra uffiċjali.

14. Inoltre, l-anqas ġie kontestat li l-pretensjonijiet tas-sekwestratarji ġew preċeduti b'xi interpellazzjoni mis-sekwestranti. Iżda fl-istess waqt, konxji mill-kontroversji li kienu jeżistu bejniethom, u mingħajr interpellazzjonijiet preċedenti, mhux

kontestat li s-sekwestranti ħarġu atti kawtelatorji oħra bin-numri 1669/2023 u 2054/2023 li kellhom kawżali u ammonti li kienu komuni bejniethom ukoll. Għalkemm persuna għandha dritt li tqiegħed il-jeddijiet tagħha fis-sod, il-Qorti tkun trid tqis bir-reqqa il-kuntest li dik il-persuna tkun qegħda tagħmel dan għaliex bosta drabi il-linja bejn li persuna teżerċita jedd tagħha biex tissalvagwarda l-pretensjonijiet tagħha u l-abbuż tal-jedd tagħha billi tissikka u teżerċita pressjoni ritrosiva indebita hija linja fina ħafna. Altru azzjoni ta' prekawzjoni u altru azzjoni ta' ritorsjoni.

15. F'dan il-każ, l-iter proċesswali, il-mod kif il-mandat inkiseb, in-natura tal-kawżali, il-proċeduri kawtelatorji użati, iż-żmien meta dawn ġew ottjenuti nonche l-kuntest sħiħ li fih ittieħdu dawn il-miżuri kawtelatorju mis-sekwestranti – fl-isfond partikolari tal-każ – jassumu sembjanza ta' azzjoni ta' pressjoni ritorsiva fil-konfront tar-rikorrenti fid-dawl tal-azzjoni multipla li kienu qegħdin jieħdu fuq livell amministrattiv u anke ġudizjarju biex jissalvagwardaw il-jeddijiet tagħhom.

16. B'hekk din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi attwali mhux raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ, u f'dan l-istadju la huwa meħtieġ u l-anqas ġustifikabbli.

**Talba għal imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

17. Talba għal kundanna għall-ħlas ta' penali f'dan il-każ qegħda ssir in bażi għal dak li jgħid l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iġifieri:

> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

18. Din il-proċedura ta' imposizzjoni ta' penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni t'ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun tista' tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi in kwantu dawn ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta' "poena", sanzjoni, imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

19. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu u jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in buona fede ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[3]

20. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, <u>inter alia</u>, tqis:

(a) li jkollha <u>pretensjoni</u> x'tikkawtela li tkun <u>vera</u>, <u>leġittima</u> u <u>dimostrabbli</u>;
(b) li jkollha l-<u>ħtieġa</u> li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha <u>ġustifikazzjoni</u> fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju <u>ma jkunx sar ħin qabel il-waqt</u> jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie <u>msejjaħ</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun <u>talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed</u> biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-<u>nuqqas ta' raġonevolezza</u> tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn

[3] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.

ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;

(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret in buona fede u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u

(h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju.

21. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[4] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

22. F'dan il-każ, pero, għalkemm din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, mill-banda l-oħra t-talba tar-rikorrenti kienet ċirkoskritta biss għall-paragrafu (d) tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li l-kawża ma saretx fiż-żmien tagħha u allura din kienet tikkwalifika taħt il-paragrafu (a) tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12. Iżda mill-banda l-oħra din ir-raġuni la ingħatat u l-anqas setgħet tingħata meta sar dan ir-rikors. Din il-Qorti, stante li hawnhekk trattasi ta' miżura penali, ma tqisx li jkun ġust li s-sekwestranti jiġu miżmuma jirrispondu għaliha meta din ma ġietx mitluba.

23. Issa kwantu għal dak li jipprovdi l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li f'dan il-każ kien hemm akkaniżmu minn naħa tal-partijiet biex jiddefendu l-posizzjoni rispettiva tagħhom. Huwa minnu li l-ħruġ tal-mandat ta' sekswestru, bil-mod kif sar, għandu *fumus* ritorsiv. Iżda mill-banda l-oħra din il-

[4] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal dann wkoll taħt dan is-subartikolu.

[5] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.

Qorti ma tasalx li tqis li hemm l-estremi li tikkonkludi li dan kien maħruġ b'malizzja jew frivolita jew vessatorjeta. Setgħet kienet frott ta' miżura meħuda ħin qabel il-waqt, iżda mhux iżjed minn hekk.

24. Għalhekk din it-talba sejra tiġi miċħuda.

25. F'dan il-kuntest il-Qorti tqis li ma hemmx l-estremi, f'dan l-istadju, sabiex tiġi milqugħa t-talba magħmula taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**KONKLUZJONI**

**Illi għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u b'hekk tħassar u tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru li jġib in-numru 1670/2023 fl-ismijiet premessi kif spjegat in bażi għal dak imsemmi fl-artikolu 836(1)(a)(d)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiċħad it-tieni talba u stante li kienet proferita bħala talba alternattiva, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ikunu tas-sekwestranti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**